# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 2 ta' Mejju 2024**

**Rikors Revoka Nru: 563/2023 JG**
**Nru fuq il-Lista: 1**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Żgumbrament Numru 503/2023 fl-ismijiet**

**Francis u Rita konjuġi Briffa ((K.I. 697459M) u 428760M) rispettivament)**

**vs**

**Felix Mifsud (K.I. 534464M)**

**Il-Bord**

Ra r-rikors tal-eżekutat Mifsud (iktar l-isfel imsejjaħ biss bħala eżekutat) mressaq fis-16 ta' Novembru 2023[1], fejn għar-raġunijiet hemm imfissra il-Bord intalab sabiex jirrevoka jew jissospendi l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' żgumbrament relattiv u dan sakemm jiġu deċiżi proċeduri oħra attwalment pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili.

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.

Ra d-digriet tas-17 ta' Novembru 2023[2] fejn filwaqt li l-Bord ċaħad dik il-parti tat-talba konċernanti s-sopensjoni tal-eżekuzzjoni tal-mandat, ordna n-notifika tar-rikors.

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023[3] fejn għal darba oħra il-Bord ċaħad it-talba konċernanti s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-mandat pendenti dawn il-proċeduri.

Ra d-diversi seduti li seħħew sabiex ir-rikors jiġi notifikat.

Ra r-risposta mressqa fil-11 ta' April 2024[4] mill-eżekutanti konjuġi Briffa, fejn għar-raġunijiet hemm indikati il-Bord intalab sabiex jiċħad it-talba odjerna.

Ra dak li seħħ fis-seduta tal-15 ta' April 2024[5] fejn instemgħet it-trattazzjoni[6] da parti tal-avukat difensur tal-eżekutanti (għaliex l-avukat tal-eżekutat m'attendiex) u r-rikors tħalla għad-digriet finali li qiegħed jingħata bil-miftuħ illum.

Ra d-digriet tat-29 ta' April 2024 fejn ġiet miċħuda talba mressqa mill-avukat tal-eżekutat sabiex jissospendi l-prolazzjoni ta' dan il-provvediment u jisma s-sottomissjonijiet tal-eżekutat.

Ra l-atti proċesswali kollha, inkluż dawk tal-mandat relattiv.

**<u>Ikkunsidra</u>**

[2] A fol 44 tal-proċess.
[3] A fol 48 tal-proċess.
[4] A fol 57 tal-proċess.
[5] A fol 72 tal-proċess.
[6] Debitament traskritta u tibda a fol 73 tal-proċess.

Illi dan tal-lum huwa provvediment għal talba mressqa taħt l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Mill-atti jirriżulta dan li ġej:

Illi permezz ta' sentenza datata 5 ta' Ottubru 2021, mogħtija minn dan il-Bord kif hemm preseduta, l-eżekutanti ottjenew sentenza favurihom, ibbażati fuq il-fatt li l-ftehim ta' kera bejn il-partijiet kien skada. Dak il-Bord kien ordna l-iżgumbrament tal-eżekutat fi żmien xahrejn mid-data ta' dik is-sentenza. L-eżekutat għażel li jappella minn dik is-sentenza fejn qal li l-Bord kien naqas milli jikkunsidra d-difiża tiegħu. Permezz ta' deċiżjoni mogħtija nhar l-1 ta' Lulju 2022, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) għażlet li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-appell. Wara l-istess sentenza, jidher[7] li l-eżekutat fetaħ xi proċeduri oħra, attwalment pendenti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fejn qiegħed jgħid li huwa jżomm il-fond mertu tal-mandat ta' żgumbrament b'titolu ta' kommodat.

Illi bħala daħla qasira, jingħad li l-interpretazzjoni iktar restrittiva ta' żminijiet passati ta' dan l-artikolu, llum twessa'. Tassew, sa fejn kien jingħad li xogħol il-Qorti f'dan it-tip ta' proċeduri huwa limitat biss għat-tfittxija dwar jekk mandat ikunx inħareġ min qorti żbaljata jew difett formalistiku tal-istess mandat, dan illum m'għadux jinftiehem fis-sens li l-eżami għandu jkun dan biss[8]. Huwa

[7] Qiegħda tintuża din il-kelma għaliex ma ġietx imressqa kopja tar-rikors promotur ta' l-atti li jgħid li fetaħ.

[8] Ara f'dan is-sens l-provvediment mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Raymond Fenech vs Charmaine Zammit,** (Rik Nru: 1451/2023/1) mogħti mill-Qorti tal-appell (Sede Superjuri) nhar l-14 ta' Marzu 2024. Fuq l-istess vena, l-Bord jagħmel referenza għall-provvediment mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Dr. Abigail Critien *et* vs Fair Trading Limited,** (Rik 782/2019) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Settembru 2019 fejn intqal hekk: *Illi l-Qorti tagħraf li, madankollu, fil-qafas ta' dak li ngħad aktar qabel, biex jista' jinħareġ att eżekuttiv, irid ta bilfors ikun hemm titolu eżekuttiv. Għalhekk, l-eżekuttività (b'distinzjoni mis-siwi tal-mertu tiegħu) tat-titolu trid tirriżulta biex wieħed jista' jqis is-siwi tal-att eżekuttiv li jintalab bis-saħħa tiegħu. Kemm hu hekk, f'dawn l-aħħar żminijiet, ingħad ukoll li n-nuqqas ta' eżistenza ta' titolu eżekuttiv ukoll taqa' fil-parametri tal-istħarriġ dwar "raġuni tajba" li qorti tista' tintalab tagħmel f'azzjoni mibdija taħt l-artikolu 281 tal Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

aċċettat li awtorità ġudikanti għandha tinvestiga wkoll jekk hemmx verament l-eżistenża o meno tat-titolu eżekuttiv li jkun wassal għall-ħruġ tal-mandat[9].

Illi fil-każ tagħna, huwa ċar li dan il-mandat inħareġ b'mod tajjeb bil-fatt li hemm sentenza li għaddiet in ġudikat. Huwa minnu li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) astjeniet milli tqis l-appell però, kif inhu risaput u mgħallem, din il-parti dispożittiva għanda tinqara fid-dawl tal-motivazzjonijiet hemm magħmula[10]. Fi kliem ieħor[11], ir-raġunament mogħti mill-Qorti għandu wkoll jittieħed in

[9] F'dan is-sens issir referenza għall-provvediment mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Mary Saliba vs Charles Saliba,** (Rik Nru: 252/2021/2)mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-3 ta' Marzu 2022 fejn ingħad hekk: *"Ir-raġel qiegħed effettivament jgħid illi l-obbligazzjoni kanonizzata bis-sentenza tħallset bit-transazzjoni, u għalhekk it-titolu eżekuttiv huwa eżawrit. Jekk tassew dan huwa minnu, din hija raġuni tajba biex tintlaqa' t-talba taħt l-art. 281 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili".*

[10] Il-Bord jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Camilleri vs Lilian Mallia,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-5 ta' Ottubru 1998 fejn ingħad hekk: *"però, sussegwentement jista' jiġri illi d-deċiżjoni ma tkunx internament fil-parti disposittiva tas-sentenza iżda anke fil-parti razzjonali tagħha meta fil-motivazzjoni tiġi definita u riżolta xi vera kwistjoni b'mod li dik il-parti tkun il-premessa loġika u neċessarja mad-dispożittiv u allura dik il-parti tifforma ħaġa waħda mid-dispożittiv li kollha flimkien jiffurmaw il-ġudikat."* Hekk ukoll, issir referenza għas-sentenza klassika fl-ismijiet **Giovanni Grima vs Victor Fava *et,*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-26 ta' Mejju 1967 fejn, b'referenza għal-sentenza preċedenti, ġie mfakkar hekk: *"Hu veru illi dan, ma jingħadx in termini fid-dispożittiv tas-sentenza appellata. Iżda kif intqal fis-sentenza mogħtija fil-kawża "Farrugia Gay v. Farrugia" (Kollez. Vol. XXIV, I,157) "per riconoscere il vero portata di una sentenza, occorre indagare quale fosse stato la questione sulla quale il Giudice fu chiamato a pronunziarsi e la discussione che precedette il suo giudizio, ed esaminare il dispositivo nel suo complesso, raffrontandolo, mettendolo in armonia colla motivazione la quale è anche parte integrale della sentenza sebbene non ne sorga il giudicato". L-istess ħaġa ntqal minn din il-Qorti filkawża "Debono v. Matthews" (App. Ċiv. 24 ta' Ottubru. 1966) ċioè illi "id-dispożittiv ma jistax ma jinqarax fid-dawl tal-premessi". Fl-appell "Dottor Caruana v. Dottor. Buhagiar (App. Ċiv. 17 ta' Diċembru, 1965) din il-Qorti qalet: "Biex dikjarazzjoni tkun konklussiva jew obbligatorja ma tridx tkun merament raġunament jew sempliċi motiv iżda vera soluzzjoni ta' kwistjoni trattata fis-sentenza li tirrapreżenta ilkonklużjoni finali tal-Qorti fuq il-kwistjoni. Dak li hu importanti huwa li s-soluzzjoni jew il-konklużjoni tkun inkluża fis-sentenza u ma jimpurtax f'liema parti tagħha." Fl-aħħar nett fil-kawża "Testaferrata Bonnici v. Testaferata Bonnici" (App. Ċiv. 12 ta' Mejju 1958) intqal – u dak hu partikularment appożitu għall-każ preżenti – illi "vera soluzzjoni ta' kwistjoni trattata fis-sentenza li tirrapreżenta ilkonklużjoni finali tal-Qorti fuq il-kwistjoni."*

[11] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **David Vincenti Libreri vs Anthony *sive* Twanny Baldacchino *et,*** (rik App Nru: 1065/18/1) mogħtija mill-qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fejn ingħad hekk *"Minn qari tas-sentenza fis-sħiħ tagħha, huwa ċar biżżejjed għal din il-Qorti li kienu l-kunsiderazzjonijiet hekk kif riprodotti fil-paragrafu ta' qabel dan li sewwasew irrappreżentaw il-vera soluzzjoni għall-kwistjoni f'dik il-kawża. Minħabba f'hekk, u dejjem fid-*

konsiderazzjoni. Issa, jirriżulta ċar li l-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) għalkemm sabet li kellha tastjeni milli tqis dak l-appell għaliex skond hi l-punt hemm imqajjem bħala aggravju kien *noviter dedictus*, jibqa' l-fatt li l-istess Qorti qablet mad-deċiżjoni tal-Bord. Rilevanti hawnhekk huwa l-bidu ta' paragrafu tnax tal-istess sentenza fejn irrimarkat hekk:

> *Għaldaqstant il-Bord kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu, u l-Qorti tikkonsidra li bħall-Bord qabilha, hija wkoll marbuta li tiddeċiedi fil-parametri tal-proċeduri kif stabbiliti mill-partijiet stess rispettivament permezz tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet ippreżentati minnhom.*

Illi fil-verità b'dik l-astensjoni, ġiet ikkonfermata l-ewwel sentenza ta' dan il-Bord kif hemm presedut, li kien effetivament ordna l-iżgumbrament fit-terminu hemm impost. B'hekk jiġi li dan il-mandat inħareġ fuq is-saħħa ta' sentenza, li skond l-artikolu 253(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jikkostitwixxi wieħed mit-titoli eżekuttiv meħtieġa għall-ħruġ tiegħu. Fl-istess waqt jirriżulta ċar li ma hemm l-ebda ostakolu ta' tempistika dwar l-ordni ta' żgumbrament u meta ġie mressaq il-mandat.

Illi wkoll, dan il-Bord m'huwiex sejjer jagħti piż għal fatt li l-eżekutat nieda xi proċeduri oħra rigwardanti l-istess mertu[12]. L-artikolu hawn utilizzat ma

---

*dawl tal-prinċipji ġurisprudenzjali hekk kif imsemmija aktar kmieni, din il-Qorti tqis li l-parti hawn fuq imniżżla trid ta' bilfors tinqara ħaġa waħda mad-dispożittiv ta' dik l-istess sentenza".*

[12] Jgħodd hawn, dak li ntqal fil-proċeduri fl-ismijiet **Dr. Julian Farrugia *noe* vs Vistajet Limited,** (Rik Nru: 720/22) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Settembru 2022 fejn ingħad hekk: *"Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din ilQorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;".* KHekk ukoll issir referenza għal dak li ntqal fil-proċeduri fl-ismijiet **HSBC Bank Malta p.l.c. vs Doris Conchin,** (Rik Nru: 633/2011) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (u kkonferma mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-25 ta' Novembru 2011 fejn intqal hekk: *"Din il-Qorti diġa' wriet f'deċiżjonijiet oħrajn li hija tat qabel din li hija tal-fehma li l-għan li għaliha ddaħħlet il-*

jippermettix indaġini f'dak il-mertu[13] anke għaliex huwa marbut mal-att eżekuttiv u mhux mat-titolu tiegħu[14]. Kwistjonijiet dwar l-eżekuzzjoni tal-mandat, f'dan il-każ għaliex l-eżekutat jgħid li għandu xi titolu ieħor fuq l-istess fond, ma jidħlux fl-eżami li għandu jwettaq il-Bord f'din il-proċedura[15].

Illi jħares minn fejn iħares il-Bord isib li l-argumentazzjoni tal-eżekutat m'hijiex waħda fejjieda.

Għaldaqstant, il-Bord qiegħed jiddeċiedi r-rikors billi jiċħad it-talba tal-eżekutat.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu minn Felix Mifsud.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

---

*proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu li, bis-saħħa tiegħu, l-parti eżekutata tbati preġudizzju. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bissaħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ . Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra".*

[13] Issir referenza għall-provvediment mogħtia fil-proċeduri fl-ismijiet **L-Avukat Dottor Robert Zammit vs Pierre Falzon *et,*** (Rik Nru: 368/18) mogħti nhar it-13 ta' Lulju 2018 mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri).

[14] Fost oħrajn, il-bord jagħmel referenza għall-provvediment mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Bank of Valletta vs Saviour Micallef,** (Rik App: 997/2019/1) mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar i-18 ta' Frar 2020.

[15] Kif sewwa ntqal fil-proċeduri fl-ismijiet **Victor Fenech *et* vs Anthony Fountain *et,*** (App Ċiv Nru: 398/2012/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhat it-30 ta' Novembru 2012 fejn ingħad hekk: "*Kwistjonijiet dwar il-proprjetà tal-ħwejjeġ milquta bil-mandat, li, bħal fil-każ tallum, iwasslu għat-tħassir mhux tal-mandat jew ta' parti minnu iżda tal-eżekuzzjoni, jeħtieġu stħarriġ aktar fit-tul li ma jistax isir fi smigħ sommarju*;" Dan il-bran ġie utilizzat b'approvazzjoni fil-provvediment mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **Richard Attard vs Adolph Baldacchino,** (Rik Nru: 287/2015) mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-23 ta' Novembru 2020.

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur